MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2010

Numru 869/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**KONTRA**

**JOSEPH CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Camilleri ta’ 38 sena, bin Paul u Teresa nee’ Caruana, mwieled Pieta’ nhar l- 1 ta’ Frar 1972, residenti Flat 1, Sunset court, Triq Mons. Anton Cilia, Zebbug u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 110672(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli bejn is- 6.30pm nhar il- 21 ta' Gunju 2010 u l-10.30pm, nhar it- 23 ta' Gunju 2010, minn gewwa l- fond Lancaster House fi Triq Castelletti, Slieam flimkien ma' persuna/I ohra mhux maghrufa;

1) ikkommetta serq ta' diversi oggetti, l- iktar gojjellerija, kif ukoll flus kontant w oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil- mezz, bil- valur, li jeccedi €2329.37, bil-lok u bil- hin, u li sar ghad- detriment tas- sinjorina Dorothy Trapani Galea u/ jew ta' persuna/i ohra;

2) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' l- bieb ta' barra tal- istess fond u / jew xi aperturi ohra interni, kif ukoll xi ghamara, liema hsara ma tiskorrix l- €1164.69, imma izjed minn €116.47 ai terminu tal- Artikolu 325 (1) (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad- dannu tas- sinjorina Dorothy Trapani Galea u/ jew ta' persuna/ i ohra;

3) iktar talli kiser il- provedimenti tal- Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta li kien gie mpost fuq l-imputat permezz ta' sentenza mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli nhar it- 8 ta' Ottubru 2009;

4) fl- ahharnett, nakkuzaw ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra;

Rat illi ai termini tal-Artikolu 392A, bl-istess ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex hlief li ssibu hati tar-reat indikat fic-citazzjoni, u ghaldaqstant tikkundannah il-piena idonea ghall-istess. L-imputat ammetta l-involviment tieghu f' serqa minn gewwa residenza, fejn il-valur tal-oggetti misruqa kien jammonta ghal madwar erba' mitt elf Ewro, u dan peress illi l-maggior parti tal-oggetti misruqa kienu jikkonsistu f' bicciet ta' deheb antik u oggetti ohra ta' valur konsiderevoli. Kif irrisulta mill-istqarrija tieghu mehuda mill-Pulizija, l-imputat kixef lil min kien mieghu fl-istess serqa, u l-Pulizija ghalhekk issa ghandha informazzjoni aktar dettaljata fuq din l-investigazzjoni, u tista' ghalhekk tissokta l-istess investigazzjoni sabiex eventwalment tressaq persuna jew persuni ohra in konnessjoni ma' dan ir-reat. Inoltre l-imputat sejjer ikun xhud importanti ghall-istess Pulizija fi proceduri kontra terzi, meta l-investigazzjoni fuq dan ir-reat iwasslu ghal min kien ghen lill-imputat iwettaq din is-serqa. Flimkien mal-arrest tal-imputat, waqt li saret tfittxija fir-residenza tieghu, gew elevati numru zghir mill-oggetti misruqa, u dawn ghandhom jigu ritornati minnufih mill-Pulizija lill-persuna derubata.

Kwantu ghall-piena, waqt it-trattazzjoni fuq l-istess, kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza li l-piena tkun ta' tlitt snin prigunerija, jigifieri sentejn ghar-reat ta' serq kif indikat fl-ewwel imputazzjoni, bl-assorbiment tal-piena ghar-reat ta' hsara volontarja li hu mezz ghall-fini u b'zieda tar-recidiva, u sena ghall-ksur tad-disposizzjonijiet

tal-Artikolu 7 tal-Kap 446. Il-partijiet issottomettew li din il-piena hija idonea tenut kont tal-fatt li l-imputat ghen fl-investigazzjoni u ta informazzjoni li tista' twassal biex il-persuni l-ohra involuti fis-serqa eventwalment jitressqu wkoll il-Qorti. Din il-piena hija entro l-parametri, ghalkemm hija aktar vicin tal-minimu premess fil-ligi. Ghalhekk, in vista tas-sottomissjonijiet maghmula f'dan is-sens u in vista tal-qbil milhuq bejn il-partijiet, il-Qorti sejra taghti l-piena indikata lilha bhala l-piena f'din is-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 49, 50, 261, 263, 264, 265, 267, 269 (g), 270, 271 (g), 278 (3), 279 (b), 280 (2), 289 u 325 (1) (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlett (3) snin prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------